MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Numru. 567/2014

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Carmelo De Battista**

Numru: 567/2014

Illum 28 ta' Jannar 2015

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Carmelo De Battista**, ta' sitta u tletin (36) sena, iben Emmanuel u Maria neé Camilleri, imwieled Attard, Malta nhar is-17 ta' Mejju 1978,

residenti fil-fond St. Elizabeth Court Osprey, Flat 4, Triq Sant'Elizabetta, Xewkija, Ghawdex u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 276278(M), akkuzat talli nhar it-12 ta' Gunju 2014, ghall-habta tal-11:15a.m., waqt li kien qieghed isuq mutur tal-ghamla Honda CRF250L, bin-numru tar-registrazzjoni NCO 428, fi Triq l-Imgarr, Ghajsielem, Ghawdex u/jew fil-vicinanzi:

1. b'nuqqas ta' hsieb jew bi trakuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku habat ma' mutur tal-ghamla Yamahad Crypton, bin-numru tar-registrazzjoni HBM 143 u nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Debattista skont kif iccertifika Dr. M. Refalo M.D. tal-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saq mutur tal-ghamla Honda CRF250L, bin-numru tar-registrazzjoni NCO 428, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b'nuqqas ta' hsieb jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku nvolontarjament ghamel xi hsara jew hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioé mutur tal-ghamla Yamaha Crypton bin-numru tar-registrazzjon HBM 143 ghad-dannu ta' Paul Debattista.

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-impuat, f'kaz ta' htija, jigi skwalifikat milli jiehu jew ikollu l-ebda licenzja tas-sewqan ghall-perijodu li din l-Onorabbli Qorti jidrilha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-kwerelant jiddikjara li huwa kien qed jirrinunzja ghal dak li huwa rinunzjabbli f'dawn il-proceduri u semghetu wkoll jaghzel li ma jixhidx *stante* li kien hemm pendenti kontra tieghu proceduri kriminali u b'hekk setgha jinkrimina ruhu.

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni u lill-kwerelant jiddikjaraw li ma kellhomx aktar provi xi jressqu.

Rat li l-imputat ghazel li ma jixhidx u li ma ressaq ebda provi.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputat ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputat ser jigi liberat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, fuq nuqqas ta' provi, ma ssibx lill-imputat Carmelo De Battista hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u b'hekk tillibera lill-imputat mill-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------